KLR 26/VII/2015

Minuti tal-laqgħa b'urġenza li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ġimgħa 2 ta' Jannar 2015 fis-14.00.

PREŻENTI: Is-Sindku Dr Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri, il-membri Joseph Debrincat, Maria Portelli, Michel Buttiġieġ, u Marċel Tabone u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard, l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ Mark Farruġia u l-*Project Administrator* William Sultana.

SKUŻAT:- il-membru u Anthony Briffa.

Intqalet it-talba

**1. *ERDF 249, 'Setting up of an Integral Archaeological and Historical Trail in Victoria, Gozo.* Reazzjoni għall-posizzjoni li qed tieħu l-MEPA.**

Is-Sindku introudċa l-laqgħa u spjega x'ġara fl-aħħar ġranet rigward l-applikazzjoni (NP50/14) datata 27 ta' Frar 2014 li l-Kunsill għandu mal-MEPA rigward ir-rilokazzjoni tas-siġar ta' Pjazza Indipendenza.

Wara li saret pressjoni mill-għaqda Flimkien għall-Ambjent Aħjar (FAA), il-MEPA ddeċidiet li twaqqaf ix-xogħol tal-proġett sakemm jitqabbad *arbor culturalist* u wara li jitlesta dan ir-rapport ikun jista' jitkompla x-xogħol. Impjegata tal-MEPA ċemplet lis-Sindku sabiex jitwaqqaf ix-xogħol u s-Sindku talab dan kollu bil-miktub. Minnflok inħareġ *Enforcement Notice* inħarġet *Enforcement Action* li kienet tgħid li ma jistax isir xogħol qrib is-siġar.

Il-Perit Edward Scerri u l-*Porject Administrator* William Sultana ltaqgħu mal-Perit Raphael Axiaq mill-MEPA fejn ġie spjegat x-xogħol jista' jsir sadanittant u li ma jkunx ta' ostaklu għas-siġar.

Fil-31 ta' Diċembru 2014 fil-11.00am sar komunikat lis-Sindku mill-MEPA sabiex sat-2 ta' Jannar 2015 jitlesta r-rapport tal-*arbor culturalist.*

Il-membri qablu li dan mhux aġir korrett minn naħħa tal-MEPA w unanimament qablu li jitressqu l-passi legali kollha li hemm bżonn inkluż mandat ta' inibizzjoni kontra l-MEPA. Il-membri qablu wkoll li llum tinħareġ stqarrija stampa.

Il-laqgħa spiċċat fit-15.00.

| | |
|---|---|
| Av. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |